MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 967/2002/1

**Carmel Agius u martu Mary Agius ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Anthony Cremona u martu Denise Cremona ghal kull interess li jista jkollha**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fil-15 ta' April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm480.00) rapprezentanti, in kwantu ghal mija u tmenin lira Maltija (Lm180.00) hlas ta' citazzjonijiet tat-towing illi l-konvenut Anthony Cremona kien qala meta kien qed juza x-xarabank propjeta` ta' l-attur Carmelo Agius bin-numru ta' registrazzjoni FBY-693, oltre mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) prezz tal-hgiega ta' wara ta' l-istess xarabank illi l-attur Carmel Agius kellu jbiddel wara li**

**l-konvenut Anthony Cremona ikkawza hsara fiha, flimkien mas-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) valur ta' diesel illi l-attur kien ta' lill-istess konvenut Anthony Cremona tul il-perijodu illi x-xarabank fuq imsemmi kien ghand Anthony Cremona; Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 26 ta' Frar, 2002 u bl-imghax minn din id-data, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-2 ta' Mejju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut qatt ma gie "towed" bix-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni FBY-693 u fil-fatt ix-xarabank dejjem kien wara l-bieb;**
**Inoltre it-talbiet ta' l-attur rigward mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00) prezz ta' hgiega ta' wara ta' l-istess xarabank huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi Anthony Cremona (il-konvenut) qatt ma ghamel hsara fil-hgiega u lanqas f'xi parti ohra mix-xarabank;**
**Fir-rigward tat-talba ghad-diesel fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00), il-konvenut kien impjegat ta' l-attur u b'hekk l-ispejjez tad-diesel kienu a karigu ta' l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Agius, Saviour Vassallo, Richard Pisani, Anthony Cremona, Denise Cremona. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebitit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' spejjez u danni li allegatament sofrew l-atturi meta l-konvenut kien qed jaghmel uzu mix-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni FBY-693.**
**2. Jirrizulta li l-attur kien qabbad lill-konvenut juza x-xarabank u l-konvenut kien jithallas mitejn u tmenin lira (Lm280.00) kull hmistax, u dana skond ma xehed Saviour Vassallo, "ticket seller" mat-Trasport Pubbliku. Jirrizulta wkoll li kien hemm xi litigar bejn il-partijiet dwar hlasijiet ta' bolla, pero` dawn ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-mertu ta' din il-kawza.**

Il-konvenut kien dam juza x-xarabank ghall-sitt xhur, cioe' mis-7 ta' Gunju, 1999 sat-3 ta' Dicembru, 1999.

3. Id-danni reklamati mill-attur huwa specifici u jirrigwardaw tlett affarijiet, cioe` hlas ta' citazzjonijiet li qala l-konvenut, hlas ghall-tibdil tal-hgiega ta' wara tax-xarabank li nkisret, u hlas ta' diesel.

4. Dwar ic-citazzjonijiet it-Tribunal ma jistghax ma jirrilevax li l-oneru tal-prova qieghed fuq min qed jallega. Issa f'dan il-kaz, l-attur m'ghandu xejn biex juri li l-konvenut qala c-citazzjonijiet fl-ammont imsemmi. Ghalkemm jirrizulta mid-deposizzjoni ta' Richard Pisani li meta l-attur mar biex igedded il-licenza, ma setghax jaghmel dan minhabba li ma kienx hallas ic-citazzjonijiet. Pero` ma ingiebet ebda prova biex turi li dawn ic-citazzjonijiet fil-fatt kien inghataw lill-konvenut, u fil-perijodu li l-konvenut kien qed jaghmel uzu mix-xarabank imsemmi. Ghalhekk it-talba fir-rigward ma tinsabx pruvata.

5. Dwar il-hgiega ta' wara jirrizulta li hemm ricevuta fl-ammont ta' sitta u tmenin lira Maltita u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25), Dok.CA2, datata l-1 ta' Ottubru, 1999, pero` mhux fl-ammont ta' mija u hamsin lira maltita kif jghid l-attur. Ghalhekk it-Tribunal qed jakkolji it-talba fir-rigward limitatament fl-ammont imsemmi.

6. Dwar id-diesel, skond il-konvenut kienet kundizzjoni li l-attur kellu jhallas id-diesel. Ma jirrizultax li kien hemm ftehim specifiku dwar min kien ser ihallas id-diesel. Fic-cirkostanzi t-Tribunal qed jiddeciedi li l-ammont tad-diesel ghandu jigi sopportat fi kwoti ugwali bejn il-partijiet. Ghalhekk il-konvenut ghandu ihallas lill-konvenut is-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00).

7. Ghalhekk jigi li l-konvenut ghandu jaghti lill-attur b'kollox is-somma ta' mija u wiehed u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm161.25).

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u wiehed u sittin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm161.25) kif fuq inghad, u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma imsemmija ta' mija u wiehed u sittin

**lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm161.25) bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------